**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali numru 2876/2022 fl-ismijiet:**

**REPUBBLIKA**

**vs**

**Avukat Generali**

**Ittra gudizzjarja ta 'REPUBBLIKA (LPA-122) in segwitu tal-ittra ufficjali risponsiva tal-Avukat Generali pprezentata quddiem din il-Qorti fil-25 ta 'Lulju 2022**

REPUBBLIKA qed tipprezenta din l-ittra ufficjali biex twiegeb ghall-ittra ufficjali risponsiva li l-Avukat Generali pprezentat fil-25 ta' Lulju 2022 u liema ittra ufficjali risponsiva ghadha ma gietx notifikata lil REPUBBLIKA sal-llum, xahar wara, izda li giet a konjizzjoni ta' REPUBBLIKA.

REPUBBLIKA, fl-ewwel lok: tirrespingi bil-qawwa kollha l-istratagemma tal-Avukat Generali meta din qalet li REPUBBLIKA ma tikkwalifikax bhala parti offiza. Mhux talli REPUBBLIKA ghandha d-dritt, izda ghandha **d-dmir** sija skond l-iStatut taghha u sija bhala ghaqda immexxija minn nies li jhalsu t-taxxi f'Malta li jaraw li dak ordnat f'Marzu 2021 minn Magistrat Inkwirenti wara Inkjesta Magisterjali dwar il-hasil tal-flus fil-Bank Pilatus li swiet iktar minn kemm tiswa skola gdida biex tinbena, u cjoe €7.5 miljun, jsehh u jigi implimentat. Hija tal-misthija kif l-Avukat Generali trid, bl-argument taghha, tkompli tizgura l-impunita ghall-kriminali korrotti involuti fit-tmexxija tal-Bank Pilatus billi ccahhad lis-socjeta civili imwaqqfa biex tara li ssaltan is-Saltna tad-Dritt milli tmexxi skond il-ligi. REPUBBLIKA temmen fis-Saltna tad-Dritt. Huwa car li l-Avukat Generali temmen fid-Dritt tas-Saltna.

Fit-tieni lok: REPUBBLIKA mxiet skond il-ligi u osservat it-termini applikabbli. Huwa patetiku l-argument tal-Avukat Generali li tinsa u tnessi dak li REPUBBLIKA iddikjarat fl-ittra ufficjali originali taghha u cjoe li l-President ta 'REPUBBLIKA, in-Nutar Pubbliku Robert Aquilina bejn it-Tlieta 21 u l-Ġimgħa 24 taĠ 'unju 2022, grazzi ghal sorsi privileggjati tieghu sija mill-gurnalizmu investigattiv u mill-professjoni tieghu, gie infurmat personalment, definittivament, kategorikament u b'evidenza inkonfutabbli li fl-gheluq tal-Inkjesta Magisterjali li intemmet fl-ewwel parti tal-2021 dwar l-operat tal-Bank Pilatus, il-Magistarat Inkwirenti kien ordna li numru ta 'nies, barranin u Maltin jitressqu 'l Qorti fuq hasil ta 'flus. REPUBBLIKA ma tistax ma tesprimiex l-istaghgib u stmerrija taghha ghall-agir u kliem tal-Avukat Generali li minflok uzat iz-zelu taghha biex tressaq 'l Qorti 'l dawk li waqqfu u uzaw u haddmu Bank f'Malta biex jahslu l-miljuni ta 'dollari mahmugin u li kkagunaw hsara inkalkolabli ghar-reputazzjoni ta 'Malta b'theddida ghal eluf ta 'impjiegi f'Malta, qed tfettaq

biex minghaliha ssib ix-xaghara fl-ghagina halli tiggranfa ma 'xi skuza u tevita li twiegeb ghal ghemilha.

Fit-tielet lok: fil-mertu tal-ittra ufficjali responsiva tal-Avukat Generali, REPUBBLIKA tinnota li l-Avukat Generali imkien ma cahdet uqija wahda minn dak li REPUBBLIKA kixfet. REPUBBLIKA taghraf ukoll li l-Avukat Generali hija immexxija mill-mentalita zbaljata li ghax hija kariga kostituzzjonali mela allura hadd ma jista 'jikkritikaha u hadd ma jista 'jitlob li tkun kontabbli ghad-decizjonijiet taghha u hadd ma jista 'jitlob 'l Qrati jissindikaw l-agir jew l-omissjoni taghha. L-Avukat Generali ma tridx tifhem li l-unur tal-Ufficju jgib mieghu oneru ikbar. La l-immunita u lanqas l-impunita. REPUBBLIKA tesprimi t-thassib serju taghha li l-Avukat Generali hassitha tant spavalda li tikteb f'att gudizzjarju dak il-hsieb kiebi u tant perikoluz li tant sekli ilu kien jissemma bhala *lese majeste* 'fejn min ghandu kariga jew Ufficju m'ghandu qatt ikun ikkritikat jew mitlub jaghti rendikont ta 'ghemilu.

Kienet u hija l-Avukat Generali li ksiet l-Ufficju taghha fid-disprezz meta ghal iktar minn darba fl-ahhar xhur, u certament f'dan il-kaz li jikkoncerna l-hasil tal-flus fil-Bank Pilatus kien iktar mohhha kif ha tipprotegi lil kriminali korrotti fis-setgha milli biex tara li kulhadd jiehu li haqqu skond il-Ligi.

Tant kemm dan hu minnu li l-Avukat Generali fl-ittra ufficjali responsiva taghha hasbet li ha tbella 'r-ross bil-labbra u tghid li kien hemm diffikultajiet biex l-persuni indikati mill-Magistrat Inkwirenti jkunu lokalizzati fil-pajjiz esteru sabiex il-persuni jitregghu lura.

Interessanti kif l-Avukat Generali ma cahditx dak li REPUBBLIKA kixfet pubblikament meta pprezentat il-kawza that l-art.469B tal-Kap.12 in segwitu tal-ittra ufficjali originali taghha u cjoe li f'Ottubru li ghadda kienet hi (iva, l-Avukat Generali) li halliet ex ufficjal tal-Bank Pilatus jigi Malta, jidhol 'l Qorti biex jixhed, jixhed quddiem il-Qorti Kriminali fejn hi kienet irraprezentata minn zewg avukati tal-Ufficju taghha, jaghmlulu l-kontro ezami, ihalluh jitlaq qisu xejn m'hu xejn meta dan l-ex ufficjal tal-Pilatus Bank kien wiehed minn dawk li l-Magistrat Inkwirenti kien ordna f'Marzu 2021 li kellu jkun arrestat u mressaq 'l Qorti fuq hasil ta 'flus.

Ghandna sitwazzjoni fejn l-ewwel l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija talbu f'Marzu 2021' l Magistrat Inkwirenti biex johrog Mandat ta 'Arrest Internazzjonali, wara Inkjesta Magisterjali li swiet €7.5 miljuni kontra Mehmet Tasli u numru ta 'nies ohra, inkluz is-sid u d-Diretturi tal-Pilatus Bank biex jitressqu 'l Qorti fuq hasil ta' flus, fost akkuzi ohra.

Izda f'Ottubru 2021 l-istess Avukat Generali halliet lil Mehmet Tasli (*operations manager* tal-Pilatus Bank) jigi Malta, jixhed fuq rikors ipprezentat quddiem il-Qorti Kriminali mill-Pilatus Bank halli *freezing order* ikun varjat, u jitlaq minn Malta minflok rat li jkun arrestat u mressaq 'l Qorti kif kienet ordnata taghmel mill-Magistrat Inkwirenti sitt xhur qabel.

Hekk jaghmel min irid jimxi skond il-gurament tal-hatra li ma jharisx lejn l-ucuh?

Ghaliex l-Avukat Generali ma tghidx ghala b'zelu kbir tressaq 'l Qorti fuq hasil ta 'flus lil huta z-zghira izda lil huta l-kbira tifirxilha t-tapit ahmar u tghinha tahrab 'l Gustizzja?

Huwa ghalhekk u ghal ragunijiet ohra li ser ikunu murija waqt is-smigh tar-rikors li fil-frattemp gie intavolat minn REPUBBLIKA u li l-ewwel seduta taghha hija fit-30 ta' Settembru li gej, li REPUBBLIKA tirrespingi l-ittra ufficjali risponsiva tal-Avukat Generali bhala ezercizzju biex tghatti x-xemx bl-gharbiel.

Tant biex taghraf tirregola ruhha l-Avukat Generali. Bl-ispejjez.

Avv. Jason Azzopardi

Mittenti: 29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba.

Intimata: Admiralty House, 53, South Street, Valletta

Notifika: Avukat tal-iStat, Casa Scaglia, 16, Triq M.A. Vassalli, Valletta